# IR-RAĦAL TAL-GUDJA

'Dan ir-raħal storiku u pittoresk jinsab imdawwar b'kampanja l-ġmiel tagħha. Huwa wieħed mill-eqdem irħula ta' Malta u minnu ħarġu ħafna parroċċi mill-matriċi ta' Bir Miftuħ li, sa dak iż-żmien kienet tiddomina dawk l-inħawi.

Dwar l-isem ta' dan ir-raħal insibu li, ħafna kittieba ta' l-istorja taw verżjonijiet differenti dwar it-tifsira tal-kelma Gudja iżda, l-aktar waħda li wieħed jista' joqgħod fuqha hija, li bl-Għarbi l-kelma Gudja tfisser għolja, jew merfugħ fil-għoli, jew blata mdaqqsa. Għalkemm il-post li jinsab fih dan ir-raħal ma hemmx għoljiet, iżda meta wieħed iħares lejh minn ċerti nħawi nsibu li, dan igawdi ħakma fuq il-kampanja u rħula oħrajn ta' madwaru. Min jaħkem, ikun ogħla minn ħaddieħor.

Fl-antik, dan ir-raħal kien jifforma parti minn Bir Miftuħ peress li, hu viċin ħafna tal-knisja ta' Santa Marija ta' Bir Miftuħ, li saret parroċċa flimkien mad-disgħa l-oħra li kien waqqaf l-isqof Senatore de Mello fl-1436. Insibu li din kienet it-tielet waħda fl-għażla, fost l-oħrajn kollha u dan juri l-importanza ta' dan ir-raħal. Bħal ma għidt diġà, minn Bir Miftuħ ħarġu bosta parroċċi li saru rħula oħra madwar l-inħawi. Insibu li dan il-post kien jissejjaħ Bir Miftuħ peress li, kien hemm bir viċin tal-knisja tal-post li kienu jinqdew minnu l-abitanti ta' l-inħawi. Jingħad li skond it-tradizzjoni, meta San Pawl għadda mill-viċin ta' Bir Miftuħ, waqaf jippriedka lin-nies ta' l-inħawi u jingħad li qal li, 'Marija hija Bir Miftuħ tal-grazzji kollha' u għalhekk jista' jkun li dan il-post baqa' jissejjaħ hekk.



Mal-mixja taż-żmien, in-nies li kienu jgħixu viċin Bir Miftuħ bdew aktar jersqu lejn in-naħa ta' ġewwa viċin il-Misraħ, u jibnu djar f'dawk l-inħawi peress li Bir Miftuħ huwa espost aktar 'il barra u, f'dawk iż-żminijiet kien isir ħafna ħbit mit-Torok. Meta tista' tgħid li kulħadd ħalla dawk l-inħawi ubena viċin il-Misraħ, inħasset il-ħtieġa li tiġi mibnija knisja ġdida għall-bżonnijiet spiritwali tal-poplu. Il-Knisja li naraw illum, inbniet fuq il-pjanta ta' Tumas Dingli u tlestiet fl-1666, iżda saret faċċata ġdida żmien twil wara, kif ukoll inbena l-kampnar ta' Baker fl-1858, minflok l-ieħor li kien hemm qabel.

Dan ir-raħal għandu storja antika ħafna, u juri li kien prominenti tul il-mixja taż-żmien. Dan jixhduh il-katakombi ta' Ħal Tarxien, l-oqbra Puniċi u Rumani li nstabu fl-inħawi tal-Gudja. Insemmu l-knisja qadima ta' Santa Marija ta' Bir Miftuħ, bis-saqaf ċatt imserraħ fuq arkati kbar u affreski ta' qaddisin bejniethom. Ta' min isemmi l-kwadru antik fuq l-injam li nsibu fuq l-artal maġġur tagħha. Fuq in-naħa ta' barra ta' din il-knisja nsibu fdalijiet ta' pedamenti tal-kumplament tal-knisja, llum imġarrfin. Madwar ir-raħal insibu, sew djar u kemm knejjes żgħar imxerrdin madwar it-toroq u sqaqien dojoq li, lkoll juru 'l qedem tiegħu. Mhux ta' min iħalli barra l-knisja tal-Madonna ta' Loretu, ftit 'il bogħod mill-abitat. Insemmu wkoll il-palazz sabiħ ta' Bettina, flimkien mal-ġnien kbir u t-torri storiku f'nofsu. Il-ġnien tal-Lukutenent, bil-bieb tiegħu mżejjen bit-trofew skolpit. Tidher l-iskrizzjoni fuq l-irħam li tikkommemora lir-Re Ġorġ III u l-Kavallier u Baruni Sir Alexander Ball, li kien l-ewwel ħakkiem ta' Malta fl-1800, żmien l-Ingliżi. Dan kollu juri 'l qedem u l-importanza tal-Gudja.

Bħala arma tar-raħal insibu li hemm faxxa ħamra ssegata fuq kamp tal-fidda. Il-motto tal-Gudja hu li tfisser 'Omm ta' ħafna wlied'.

Kollox ma kollox il-Gudja hu raħal sabiħ u storiku u, l-poplu Gudjan għandu tassew biex jiftaħar bih u jħossu kburi. U għandu jagħmel kull ma jista' biex jgħożż il-patrimonju għażiż tiegħu mħolli lilu mill-antenati tiegħu u jikkonserva dak kollu li fadallu biex, igħaddih lil ta' warajh bħala wirt għażiż tal-Gudja.

**LINO WETTINGER**




MONTEBELLO ARTWORKS LTD

GENERAL MARBLE & GRANITE WORKS

*OFFICE:* DITCH STREET, PAOLA *(opp. Addolorata Cemetery)*

TEL: 777987

*WORKSHOP:* GALLEONS STR. & LABOUR ROAD, MARSA.

*(off Industrial Estate)*

TEL: 247895